# X'JGĦALLIMNA L-PAPA FRANĠISKU

Għalkemm imdaħħal sewwa fiż-żmien - twieled fl-1936 - Papa Franġisku ta dehra ġdida ta' kif għandha tkun il-Knisja f'dawn iż-żminijiet li ninsabu fihom. Fost l-affarijiet li jagħfas fuqhom il-Papa nsemmu dawn li ġejjin:

**L-UMILTÀ** - Meta ġurnalist staqsieh: "Min hu l-Papa Franġisku?" mill-ewwel wieġeb, "Midneb, li Alla jħenn għalih"!

**QRIB IL-FQAR -** Sikwit jirrepeti li biex tkun Nisrani tajjeb trid tkun qrib il-fqir. "Il-fqir tħares 'l isfel lejh biss biex ittih idek u tgħinu jqum fuq saqajh". Bħala Isqof ta' Buenos Aires, darba libes ta' *cartonero* (dawk li jiġbru ż-żibel għar-riċiklaġġ) u billejl ħadem ma' dawn in-nies biex jara t-tbatija li jgħaddu minnha biex jaqilgħu l-għajxien tagħhom.

**BNIEDEM TAL-PAĊI** - Ir-Russi attakkaw l-Ukrajna fl-24 ta' Frar li għadda. Il-Papa, li kkundanna l-qtil taċ-ċivili innoċenti bħala att sagrilegu, mar hu personalment ikellem lill-ambaxxatur Russu ġewwa Ruma u talbu biex ikellem lil ta' fuqu għal waqfien mill-ġlied.

**L-AMBJENT** - Fl-Enċiklika tiegħu *Laudato Si*, il-Papa jisħaq kemm huwa importanti u urġenti li nħarsu u nħobbu "d-dinja, dan il-ġnien sabiħ misluf lilna minn Alla, bl-ordni li nieħdu ħsiebu".

**IL-ĦNIENA** - Kienu ħafna dawk li kkritikaw lill-Papa għall-mod kif jgħidilna nġibu ruħna b'iktar imħabba lejn min jiżbalja. Il-Papa jrid li l-Knisja tkun iktar ħanina u inqas judgemental.

**IL-MISSJONI TAGĦNA** - Kull Nisrani għandu jkun xandar ferrieħi tal-Vanġelu ta' Kristu.

***L-Arċipriet***

**TBERIK TAL-FAMILJI: GĦID 2022**

Minħabba ċ-ċirkustanzi attwali, għal din is-sena t-tberik tal-familji ser isir għand dawk li jimlew il-formola t'hawn taħt.

Isem u kunjom: ______________________________

Indirizz: ______________________________

______________________________

Numru tat-telefon jew mobile: ______________________________

Email: ______________________________

*Il-formola tistgħu titfgħuha fil-kaxxa tal-ittri tal-Uffiċċju Parrokkjali sal-Ħadd 10 t'April. Se jkun hemm ukoll link fuq il-Facebook page tal-parroċċa "Parroċċa Nadur" li tistgħu timlew online.*




**AVVIŻI:**

**EŻERĊIZZI GĦALL-ADOLEXXENTI U Ż-ŻGĦAŻAGĦ:** minn nhar it-Tnejn 28 sal-Ġimgħa 1 ta' April fit-8:00pm fiċ-Ċentru taż-Żgħażagħ. Imexxi d-djaknu Gabriel Vella.

**PLAY DWAR LONĠINU:** Nhar l-Erbgħa fis-5.45pm, it-tfal se jtellgħu play qasira dwar il-leġġenda ta' Lonġinu. It-tfal kollha u l-ġenituri huma mistiedna jattendu. Se tkun fil-Knisja.

**PELLEGRINAĠĠ LEJN TA' PINU:** nhar il-Ħamis 31 ta' Marzu fis-7:00am. Nitilqu mill-Pjazza tan-Nadur bil-mixi. Mistiedna l-istudenti u l-familji tagħhom. Fi tmiem il-pellegrinaġġ, għad-9:00am, tingħad talba quddiem is-Santwarju. Trasport ikun provdut lura lejn in-Nadur.

**IS-SIEGĦA TAL-ĦNIENA DIVINA:** nhar il-Ġimgħa 1 t'April wara l-quddiesa tal-5:00pm. Mistednin nattendu għal dan il-ħin ta' talb lill-ħniena ta' Alla.

**GRUPP TAL-BENEFATTURI:** għandna grupp ta' madwar 120 persuna miktubin fil-grupp tal-benefatturi. Dawn iħallsu €5 fix-xahar, biex isostnu l-ħidmiet kollha tal-parroċċa, anke tal-karità.

**GĦOTJA:** f'din il-ġimgħa li għaddiet il-parroċċa ħallset is-somma ta' €1,800, li hija parti mill-kera ta' sena ta' familja. Il-fond tal-karità tal-parroċċa jidħlu fih il-ferti li jingħataw fil-quddies tal-funerali. Grazzi lil kulħadd.

**KTEJJEB UTLI:** il-parroċċa ħejjiet ktejjeb tal-visti tas-seba' knejjes. Min irid kopja biex jużah nhar Ħamis ix-Xirka, jista' jakkwistah mill-Uffiċċju Parrokkjali. Jiswa €1.

**ĦINIJIET ĠODDA GĦAL-LEZZJONIJIET TAL-MUSEUM SUBIEN NADUR:**

minn għada t-Tnejn 28 ta' Marzu

Year 1: It-Tnejn u l-Ħamis mis-6:15pm sas-6:45pm

Years 3 u 5: It-Tnejn u l-Ħamis mis-6:30pm sas-7:00pm

Year 2: It-Tlieta u l-Ġimgħa mis-6:15pm u s-6:45pm

Year 4 u 6: It-Tlieta u l-Ġimgħa mis-6:30pm sas-7:00pm

L-Istudenti tas-Sekondarja: mis-7:30pm sat-8:00pm

**ENGLISH CORNER**

'Father, I have sinned against heaven and against you. I no longer deserve to be called your son; treat me as you would treat one of your hired workers.' When we are lost, sinned and come to our senses, we should seek our Father who is always forgiving and loves us unconditionally.

**Ħin tal-Quddies mill-Ħadd 27/3/22**

**Ħdud u Festi:** 5:30am; 6:30am; 8:30am; 9:45am; 11:00am; 5:00pm; 7.00pm

**Mit-Tnejn sas-Sibt:** 5:30am; 6:15am; 7:00am; 7:45am; 9:00am; 5:00pm; 7:00pm

**KNISJA TAL-QALB TA' ĠESÙ: matul il-ġimgħa:** 11.00am **il-Ħadd:** 7.15am

**KAPPELLA TAS-SORIJIET: matul il-ġimgħa:** 6.30am **il-Ħadd:** 6.15am

**KAPPELLA SANTA TEREŻA TA' KALKUTTA: il-Ħadd:** 7.30am